# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 207/2018/LSO**

**Carmela Micallef ID 0410843(M) bhala werrieta tad-defunt Antonio Micallef 105234(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmela Micallef ID 0410843(M) bhala werrieta tad-defunt Antonio Micallef 105234(M), datat 2 ta' Marzu 2018 fejn esponiet: -

Illi fic-certifikat tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef, li werrieta tieghu hi l-esponenti, liema certifikat gie mahrug mir-registratur Pubbliku bin-numru: 1500 tas-sena 2017 mahrug fis-17 ta' Mejju 2017 anness u mmarkat 'Dok A' fit-tielet kolonna: *'mizzewweg/mizzewga armel/armla'* hemm imnizzel b'mod skorrett *'widower of Mary Carmel* (sic Carmela) *Micallef nee Grixti;*

Illi dan huwa skorret u dan billi martu Mary Carmela Micallef, l-esponenti, ghadha mimlija ghomor sal-lum;

Illi r-rikorrenti ghandha interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir d-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li fic-certifikat tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef, li werrieta tieghu hi l-esponenti, liema certifikat gie mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru: 1500 tas-sena 2017 mahrug fis-17 ta' Mejju 2017 anness u mmarkat 'Dok A' fit-tielet kolonna: *'mizzewweg/mizzewga armel/armla'* il-

kliem *'widower of Mary Carmel* (sic Carmela) *Micallef nee Grixti* ghandhom jigu kkancellati billi mhux korretti;

2. Tordna li fic-certifikat tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef, li werrieta tieghu hi l-esponenti, liema certifikat gie mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru: 1500 tas-sena 2017 mahrug fis-17 ta' Mejju 2017 anness u mmarkat 'Dok A' fit-tielet kolonna: *'mizzewweg/mizzewga armel/armla'* il-kliem *'widower of Mary Carmel* (sic Carmela) *Micallef nee Grixti* ghandhom jigu kkancellati billi mhux korretti;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher I-istess skorrettezza:

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' April 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' April 2018 (fol 9) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi illi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju iehor sabiex jitlobu korrezzjoni fl-Att tal-Mewt tad-decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f'Artikolu 257(1) (a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel

jew armla - liema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti tiddikjara illi ma ssib l-ebda oggezzjoni ghall-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 1500 tas-sena 2017 u dan *in vista* tal-fatt illi skont l-Att taz-Zwieg tad-decujus, liema d-dokument jinsab anness u mmarkat bhala Dok. DRP1, jirrizulta li l-mara tieghu hija proprju Maria Carmela Micallef, xebba Griscti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 19 ta’ April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-attrici prezenti. Dehret Dr Mireille Sacco ghad-Direttur Intimat, li nfurmat lil Qorti li l-intimat Direttur jirrimetti ruhu ghall-provi u jaccetta li sar zball da parti tar-Registratur. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi, u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et*** *sequens* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti ta' l-istat civli.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-7 ta' Marzu 2018 (fol 15).

Illi r-rikorrenti qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef, billi dak indikat fit-tielet kolonna "mizzewweg/mizzewga armel/armla" il-kliem 'widower of Mary Carmela Micallef nee Grixti' ghandhom jigu kkancellati billi mhux korretti.

Illi ghalkemm fir-rikors promotur il-kliem li ghandhom jigu korretti huma "*widower of Mary Carmel Micallef*", huwa car li dan kien zball dattilografiku tar-rikorrenti billi fic-certifikat l-isem li ghandu jigu korrett huwa "Mary Carmela" mhux "Mary Carmel".

Ikkunsidrat li d-Direttur intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi minn Dok DRP2, l-att taz-zwieg tad-defunt esebit mar-risposta ta' l-intimat, jirrizulta, li r-rikorrenti Maria Carmela Micallef hija mart id-defunt Antonio Micallef.

Ghalhekk, din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li huma gustifikati.

Jirrizulta mill-verbal datat 19 ta' April 2018, li qed jigi accettat li sar zball da parti tar-Registratur, kwindi l-ispejjez ta' dan il-kaz ghandhom jigu sopportati mid-Direttur intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li fic-certifikat tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef numru 1500 tas-sena 2017, anness bhala Dok A fit-tielet kolonna "mizzewweg/mizzewga armel/armla" il-kliem 'widower of Mary Carmela Micallef nee Grixti' ghandhom jigu kkancellati billi mhux korretti.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifkat tal-mewt tad-defunt Antonio Micallef numru 1500 tas-sena 2017 anness bhala Dok A "mizzewweg/mizzewga armel/armla" il-kliem 'widower of Mary Carmela Micallef nee Grixti' ghandhom jigu kkancellati billi mhux korretti u jsiru t-tibdiliet li jirriflettu l-fatt

li d-decujus kien ir-ragel fiz-zwieg u mhux l-armel tar-rikorrenti.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Mejju 2018**